MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 69

10 ta' Jannar 2017

Minuti tas-seduta Nru. 69 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

### KONDOLJANZI

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku qal talba u f`isem il-Kunsill kollu, ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier J. Attard wara l-mewt ta' missieru Charles, li ġrat fil-5 ta' Jannar 2017. Huwa awgura li f'dawn il-mumenti ta` sogħba, huwa u l-familja tiegħu jsibu l-kuraġġ biex ikomplu l-ħidma tagħhom.

Is-Sur J. Attard irringrazzja lil kull min wera simpatija miegħu u mal-familja tiegħu, filwaqt li fakkar li l-funeral ser issir fit-13 ta' Jannar 2017.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tal-Ewwel u t-Tieni Parti tas-seduta Nru. 68, li saru fil-5 u l-14 ta' Diċembru 2016, ġew approvati u iffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti għandhom jiġu ippubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.1.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 7.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ippropona li s-servizz imsemmi jiġi estiż għal persuni li jużaw is-siġġu tar-roti u allura jkun meħtieġ servizz ta' *minibus* bit-*tail lift*. Huwa qal li ġie avviċinat minn persuna li teħtieġ dan is-servizz.

2.1.3. Wara li ttieħdu in konsiderazzjoni d-domanda, kif ukoll l-ispiża involuta, il-Kunsill iddeċieda li s-servizz jingħata l-aħħar Tlieta ta' kull xahar.

**2.2.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u qal li fl-10 ta' Jannar 2017 inħarġet stqarrija għall-mezzi tax-xandir rigward il-ftehim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad li ġie ffirmat kemm min-naħa tal-Kunsill, kif ukoll minn ta' Din l-Art Ħelwa. Fl-istess stqarrija tħabbar li ser issir konferenza stampa fuq il-post fl-14 ta' Jannar 2017 fl-10.00am.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Milied Mellieħi 2016 (A/5/3/7)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti biex jirringrazzja lill-Viċi Sindku C. Bartolo għall-inpenn li wera sabiex l-attività msemmija kienet suċċess.

**2.10.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)**

2.10.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 10.1. ta' l-ewwel parti tas-seduta preċedenti u wera l-apprezzament tiegħu għall-mod kif tmexxiet il-konferenza msemmija li kienet ikkordinata mill-Viċi Sindku C. Bartolo bil-koperazzjoni tal-Kunsillieri li taw daqqa t'id sabiex ġew trattati d-delegati tul iż-żjara tagħhom f'Malta. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li kien hemm kummenti sbieħ mid-delegati f'dik li hija organizzazzjoni tal-konferenza u l-attivitajiet marbuta magħha. Huwa aċċenna wkoll għall-kontribut mogħti minn Dr Gordon Cordina biex saret evalwazzjoni tal-punti trattati waqt il-konferenza u nħareġ il-komunikat finali.

2.10.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li minn issa 'il quddiem huwa importanti li l-Kunsill jibqa' iffukat fuq il-konferenzi li jmiss, minkejja li mhux ser isiru fil-Mellieħa. Huwa aċċenna li dawn ser isiru kif ġej:

27 – 30 ta' Lulju 2017 - Vecpiebalga (Latvja)
14 – 17 ta' Settembru 2017 – Cugir (Rumanija)
17 – 20 ta' Ottubru 2017 – Aquaviva delle Fonti (Italja)
24 – 27 ta' Mejju 2018 – Casalborgone (Italja)

Is-Sur C. Bartolo qal ukoll illi jeħtieġ li ssir konferenza stampa f'kull lokalità msieħba fid-19 ta' Lulju 2018.

2.10.4. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta mill-kuntrattur inkarigat mill-akkomodazzjoni u l-ikel tad-delegati billi dan naqas li jibgħat rappreżentant tiegħu sabiex jilqa' lid-delegati mal-wasla tagħhom fil-Paradise Bay Hotel. Huwa appella sabiex isir ilment f'dan ir-rigward. Is-Sur E. Bartolo aċċenna għall-kontribut tas-Sindku tal-Imdina s-Sur Peter Die Conti Sant Manduca li dawwar lid-delegati fiż-żjara li saret f'din il-belt.

2.10.5. Il-Kunsillier J. Attard appella li f'okkażjonijiet simili jkun hemm is-servizz ta' gwida professjonali sabiex jispjega s-sinifikat tal-postijiet li jkun hemm tul il-vjaġġ kollu.

**2.11.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)**

2.11.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.6.1. tal-ewwel parti tal-laqgħa preċedenti u ippropona li l-laqgħa mas-Sotto-Kumitat inkarigat mill-kompetizzjoni msemmija ssir fis-16 ta' Jannar 2017 fis-7.00pm

2.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.12.1. Regolamenti – Konkors Innu tal-Mellieħa (K/2/10)**

2.12.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 8.4. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u qal li saru l-avviżi fil-ġurnali ewlenin, fis-sit elettroniku u l-*media* soċjali fejn tħabbret il-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-konkors u d-data tal-għeluq fit-30 ta Marzu 2017.

2.12.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.13.1. Għotja ta' siġar (A/3/Vol III)**

2.13.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarraf li s-siġar mogħtija mill-kumpanija Twenty13 Productions Ltd tħawwlu fil-Park tal-Familja u fil-ġnien tal-Iskola Primarja.

2.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.14.1. Tħejjijiet għall-Estimi Finanzjarji 2017 (F/1/28)**

2.14.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tat-tieni parti tas-seduta u aġġorna lill-Kunsill dwar il-progress li kien hemm fuq il-proġetti kapitali li jidhru hawn taħt:

| **Proġett** | **Azzjoni** |
|---|---|
| Titjib fit-taraġ u passaġġ li jinsab bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq il-Marfa | L-avviż tas-sejħa għall-offerti se jiġi ippubblikat fl-20 ta' Jannar 2017 |
| Titjib tad-dawl fi Triq Ġorġ Borg Olivier;<br><br>Dwal ornamentali f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa)<br><br>Dwal ornamentali fil-qalba tal-Manikata. | Laqgħa ma' Galea Curmi Engineering Consultants fis-17 ta' Jannar 2017 |
| Titjib fit-taraġ ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Sant' Anna | Il-perit inkarigat applika għal emenda fil-permess oriġinali DN 780/15 sabiex ikopri l-proposta li ssir gallarija f'sezzjoni tal-istess triq. |
| Titjib fil-parti ta' isfel tat-taraġ fi Triq San Publiju | Irid jiġi verifikat dwar jekk il-*bill of quantities* inkluż fis-sejħa għall-offerti MLC 5/2016 jinkludix iż-żewġ partijiet tat-taraġ. |
| Pavimentar taz-zuntier quddiem il-knisja tal-Mellieħa | Il-perit inkarigat fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura konċernat għadda disinn tal-pavimentar lill-Kunsill u lill-Arċipriet sabiex jgħaddiħ għall-approvazzjoni tal-Kurja. |
| *Resurfacing* ta' partijiet minn Triq Ġorġ Borg Olivier | Jeħtieġ li ssir laqgħa ta' kordinazzjoni mal-entitajiet li għandhom is-servizzi taħt wiċċ it-triq. |

2.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tqegħid ta'Karti**

- *Purchase Request Form* – 06/01/17;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 11/11/16 – 19/12/16
- Skeda ta' Pagamenti – 04/12/16 – 06/01/17;
- Rapport tas-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni – Sejħa għall-Offerti 9/2016 – 20/12/16
- Rapport tas-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni – Sejħa għall-Offerti 10/2016 – 04/01/17
- Rapport tas-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni – Sejħa għall-Offerti 11/2016 – 04/01/17
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ftehim dwar Servizz ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli 2017-18 (K/6/11)

4.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sejħa għall-offerti fost l-operaturi taż-żewġ skemi awtorizzati sabiex jiġbru l-iskart imsemmi skont kif titlob il-Memo 33/2015 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie spjegat li s-sejħa oriġinarjament kienet tagħlaq fid-19 ta' Diċembru 2016, iżda fuq talba ta' GreenPak Co-Op id-data tal-għeluq ġiet estiża għas-6 ta' Jannar 2017. Dakinhar stess GreenPak reġgħu talbu li d-data tiġi estiża. Is-sejħa għall-offerti wieġbu għaliha Green MT Ltd.

4.1.3. L-*envelope* bis-sottomissjonijiet li saru minn Green MT Ltd infetħet waqt is-seduta. Is-Sindku talab li dan id-dokument jiġi mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

### 4.2.1. Attività b'għan filantropiku (A/6/3/2/Vol 64)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Jannar 2017 mibgħut mis-Sinjura Sharon Scicluna li talbet permess sabiex issir attività b'riżq il-*Community Chest Fund*, fil-Park tal-Familja nhar is-Sibt 1 ta' Lulju 2017. Fl-istess okkażjoni qed ukoll jintalab permess sabiex jintramaw kjoskijiet li jbiegħu l-ikel, kif ukoll li tingħalaq Triq Ġuże' Flores.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-attivitá ssir fil-Park tal-Familja, kif ukoll qabel li jeżenta lill-organizzaturi mill-ħlas tal-permess, kemm tal-attività *per sè*, kif ukoll tal-kjoskijiet. Kien hemm qbil li l-istess kjoskijiet m'għandhomx jidħlu fil-Park tal-Familja, iżda jitqiegħdu fi Triq Ġuże Flores.

### 4.3.1. Promozzjoni għall-proġett EDEN (T/12/2)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 19 ta' Diċembru 2016, mibgħut mill-Ministeru tat-Turiżmu fejn qed iħeġġu lis-sitt Kunsilli Lokali Maltin msieħba f'dan in-*network* sabiex jippromwovuħ fost il-pubbliku permezz ta' tabelli fil-lokalitajiet rispettivi. Sabiex jinkoraġġixxi din l-iniżjattiva, il-Ministeru lest li jkopri sa' €800 mill-ispiża nvoluta.

4.3.3. Is-Segretarju kkummenta li l-Kunsill ilu li għamel xi ħaġa f'din id-direzzjoni u fil-fatt jeżistu diversi *U-barriers* bil-*logo* tal-EDEN. Naħseb li jkun tajjeb jekk issir manutenzjoni fuqhom, billi jinbidlu l-*panels* tagħhom.

4.3.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ippropona li jsir *artwork* ġdid permezz tal-kuntratt tat-tabelli u sinjali tat-traffiku.

4.3.5. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuti 4.3.3. u 4.3.4. aktar 'il fuq.

### 4.4.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol IV)(T/4/3/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għall-ittra datata 6 ta' Jannar 2017, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċità lill-wirja li ser tittellgħa bejn l-4 u l-14 ta' April 2017. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.4.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters*, kif ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Il-Kunsill qabel ukoll li jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess attivita` sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

### 4.5.1. Stedina mill-Muniċipalità ta' Suwalki (K/1/5/5)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' Diċembru 2016, iffirmata mis-Sindku ta' Suwalki fil-Polonja fejn stieden delegazzjoni mill-Kunsill sabiex tattendi waħda minn tliet attivitajiet li ser jiġu organizzati f'din il-muniċipalità f'Mejju, Lulju u Awwissu 2017.

4.5.3. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-istedina.

**4.6.1. Żjara fiċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta plc (E/1/Vol III)**

4.6.2. Is-Sindku irrefera għall-imejl datat 20 ta' Diċembru 2016, mibgħut mill-Enemalta plc fejn stiednu lill-membri tal-Kunsill sabiex iżuru ċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni f'Ta' Pennellu fejn sar investiment fl-aħħar xhur biex titjieb il-provista tal-elettriku fil-lokalità.

4.6.3. Il-Kunsill aċċetta l-istedina u ppropona li din issir nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2017 fl-10.00am.

**4.7.1. PC 0021/15 - Bdil fl-iskema ta' Triq il-Mellieħa u Misraħ il-Parroċċa – Manikata (P/4/25)**

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 19 ta' Diċembru 2016 mibgħut mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn intqal li l-applikazzjoni msemmija kienet ser tiġi diskussa mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorita' fid-9 ta' Jannar 2017.

4.7.3. Is-Sindku għarraf li huwa attenda din is-sessjoni u irriżulta li t-Taqsima Proprjetà tal-Gvern kienet kontra l-proposta tal-Kunsill, peress li tinvolvi t-teħid ta' art pubblika li hija nkluża fiż-żona tal-iżvilupp u għalhekk tfisser telf ta' dħul għall-Gvern. Għalkemm ma ngħatatx deċiżjoni definita dwar dan, ir-rappreżentant tat-Taqsima qal li d-deċiżjoni finali tkun trid tittieħed minn awtorità għola. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv iddeċidew li jagħtu xahar żmien lit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern sabiex tindika l-intenzjonijiet tagħha b'mod aktar definit.

4.7.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li alternattiva, illi forsi hija aktar fattibbli, hi dik li tittieħed parti mill-bitħa li hemm quddiem il-latrini fi Ġnien iż-Żerniq, sabiex il-kurva tat-triq ma tibqax daqshekk qawwija. Il-Kumitat Eżekuttiv wera li din l-alternattiva kien qed iħares lejha b'mod pożittiv.

4.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.8.1. Miżura 4.4. – Fond Aġrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/1)**

4.8.2. Is-Sindku aċċenna għal sejħa li tinvolvi finanzjament ta' proġetti taħt il-miżura msemmija. Dawn ma jridux ikunu jinvolvu qliegħ ta' flus, filwaqt li jħallu impatt pożittiv fuq l-ambjent. Il-miżura tiffoka fuq restawr ta siti naturali u ta' siti li huma rikonoxxuta bħala Natura 2000, infrastruttura li tgħin fl-immaniġġar ta' siti naturali, restawr fuq ħitan tas-sejjieħ u tħawwil ta' siġar biex titrażżan l-erużjoni tal-ħamrija. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir applikazzjoni sabiex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fuq naħa waħda fit-Telgħa ta' Selmun.

4.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien tal-fehma li għandhom jiġu mistħarrġa sorsi ta' konsulenza sabiex jassistu fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Jannar 2017.

5.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo irrefera għall-*item* 44 u talab li jiġi rtirat, peress li daħal bi żball.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda skont il-korrezzjoni mitluba fil-minuta 5.3. aktar 'il fuq.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn l-11 u d-19 ta' Diċembru 2016

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-4 ta' Diċembru u s-6 ta' Jannar 2017.

6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo irrefera għall-*item* 95 u talab li jiġi rtirat, peress li daħal bi żball.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi skont il-korrezzjoni mitluba fil-minuta 6.4. aktar 'il fuq.

6.6. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ippubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 9/2016), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandli u xogħol anċillari fil-Playing Field ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;***

***Billi sar rapport tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 u evalwazzjoni mis-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi skont rapporti datati 1 ta' Novembru u 20 ta' Diċembru 2016, li l-minuti tagħhom ġew mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta Nru. 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2017 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7525 allokat għat-Titjib ta' Ġnien il-Qigħan;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li għamel l-irħas offerta konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".*** **(P/2/1)**

7.2. Fil-bidu tad-diskussjoni, is-Sindku J. Buttigieg ħareġ barra mill-kamra fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel aktar kmieni dwar din il-materja.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

7.4. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, is-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni ġie mitlub sabiex ikompli l-proċess permezz tal-*Electronic Public Procurement System (e-PPS).*

**8.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2016 - Immaniġġjar ta' Kuntratti (Operat tal-Kunsill in Ġenerali) u Servizzi Anċillari (K/6/5/2)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi ż-żewġ offerti li saru ġew evalwati skont kif jidher fil-minuti tas-Sotto-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-1 ta' Novembru 2016 u tal-4 ta' Jannar 2017, liema minuti kienu inkorporati f'rapport finali, li ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tas-Sotto-Kumitat u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti involuti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**9.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2016 - Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol IV)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-erba' offerti li saru ġew evalwati skont il-minuti tas-Sotto-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2016 u tal-4 ta' Jannar 2017, liema minuti kienu miġbura f'rapport finali, li ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tas-Sotto-Kumitat u talab li jitkompla l-proċess fl-*Electronic Public Procurement System* bin-notifika tal-offerenti.

**10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (S.L.363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2016 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Christian Mifsud, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2016, kif jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;***

***Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2016 irrenda servizz fuq il-livelli tal-impjegati l-oħra msemmija, skont ma' jirriżulta mill-Performance Appraisal Report tiegħu;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2016, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.".***
***(Wages)***

10.2. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew moqrija waqt is-seduta mis-Sindku. Huwa ikkummenta li din tista' titjieb billi jkunu aktar infurmati bid-deċiżjonijiet li jittieħdu eżattament wara kull seduta.

10.3. Il-Kunsillier J. Gauci ippropona li ssir laqgħa qasira mal-impjegati eżattament wara kull seduta, filwaqt li l-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa importanti li l-impjegati jattendu korsijiet relatati max-xogħol tagħhom.

10.4. Il-Kunsill approva l-mozzjoni, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 11.1. Impjieg ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11) (P/7/1/Vol XI)

11.2. Is-Segretarju irrefera għall-minuta 9.1. tas-Seduta Nru. 67 tal-21 ta' Novembru 2016 u għarraf li Jobsplus intalbu sabiex jgħaddu lista ta' persuni li qed jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-reġistru ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol. Jobsplus għaddew lista ta' 32 persuna, li sad-data tas-seduta tnax minnhom kienu bagħtu l-*curriculum vita* tagħhom.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li jitwaqqaf Kumitat ta' Intervista kompost mis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo; il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Kien hemm qbil ukoll li l-intervisti jsiru fl-20 ta' Jannar 2017.

## 12.1. Użu tal-*billboard* fit-telgħa ta' Selmun (S/6/Vol IV)

12.2. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li s-Soċietà Filarmonica La Vittoria talbet permess sabiex tuża l-*billboard* għall-promozzjoni tal-maratona msemmija li ser issir bejn il-11 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2017.

12.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 13.1. *Allowance* tal-Kunsillieri (K/1/9)

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-*allowance* mħallsa lilu għall-perjodu Lulju/Diċembru 2016. Huwa lmenta li l-ammont dovut lilu ġie mnaqqas għaliex ma attendiex tliet seduti, minkejja li kien għarraf lill-Kunsill f'żewġ każi minnhom li kien rikoverat fl-isptar u fil-każ l-ieħor peress li kellu jidħol xogħol. Is-Sur Fenech ipprotesta li dan kien atteġġjament inġust fil-konfront tiegħu min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Kunsill. Huwa qal li jaf b'każi fejn Kunsilli Lokali oħra interpretaw r-regolamenti mod ieħor u ħallsu l-*allowance* sħiħa fejn kien hemm ġustifikazzjoni.

13.3. Is-Sindku wieġeb li apparti l-każ tas-Sur H. Fenech kien hemm tnejn oħra fejn sar tnaqqis simili minkejja li kien hemm ġustifikazzjoni li ġiet notifikata bil-kitba u aċċettata mill-Kunsill. Huwa qal li dan it-tnaqqis sar fuq struzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli dwar din il-materja.

13.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li t-tnaqqis sar għab-bażi ta' Ċirkulari 17/2016 tas-26 ta' Awwissu 2016 li kienet tiġbed l-attenzjoni għall-Artiklu 32(2) tal-Att illi jenfasizza li l-*allowance* li tingħata lil kull Membru tal-Kunsill Lokali *"għandha tkun proporzjonata man-numru tal-laqgħat li Kunsillier ikun attenda f'xi sena kalendarja;"*. Is-Sur C. Debono qal ukoll li permezz ta' imejl datat 6 ta' Jannar 2017, il-Kunsilli kollha ġew mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jgħaddu rendikont tal-attendenza li kien hemm fit-tieni nofs tas-sena 2016 bil-għan li jevalwaw is-sitwazzjoni.

13.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kumitat Reġjonali Tramuntana iddiskuta din il-materja u kien tal-fehma li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha tipprotesta għal interpretazzjoni tal-Artiklu 32(2) mogħtija mid-Dipartiment

**14.1. Kumitat dwar Attivitajiet Popolari (A/5/3/6/Vol VII)( A/5/3/5/Vol VIII)**

14.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li fl-2017 jaħbat l-għaxar anniversarju minn meta bdew jiġu organizzati l-Ijieli Melleħin u Milied Mellieħi. Huwa qal li wasal iż-żmien biex tiġi evalwata l-esperjenza marbuta magħhom bil-għan li dawn jissaħħu. Għaldaqstant issuġġerixxa li jitwaqqaf Kumitat kompost mill-Viċi Sindku C. Bartolo; il-Kunsillieri A. Brincat Stellini; E. Bartolo; H. Fenech; u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono bil-għan li jressaq proposti dwar x'tibdil għandu jsir fihom.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**15.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ipproponiet li l-ħarġa kulturali li jmiss tkun fid-19 ta' Jannar 2017, fil-bini tal-Parlament. Il-prezz ikun ta' €8.00 kull persuna li jinkludi t-trasport u l-waqfa għall-kafe` fil-Kavallier ta' San Ġakbu.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**16.1. Korsijiet fil-*Food Handling* u fl-Ewwel Għajnuna (E/3/2/Vol II)(E/3/5)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ikkummentat li jidher illi teżisti domanda minn persuni li qed ifittxu impjieg fi stabbilimenti li jservu l-ikel sabiex jiksbu ċertifikat fil-*Food Handling*. Kors ieħor li possibilment tinħoloq domanda għalih minn żmien għal żmien, huwa dak fl-Ewwel Għajnuna. Hija għalhekk ipproponiet li għandha ssir sejħa bil-għan li tiġi evalwata d-domanda.

16.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**17.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)**

17.2. Is-Segretarju għarraf li fuq talba tal-perit maħtur mill-Qorti, saret laqgħa fil-22 ta' Diċembru 2016 fl-uffiċċju tal-Kunsill. Din kienu mitluba jattendu għaliha s-Sinjuri Gouder u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-konsulenti legali rispettivi, kif ukoll il-kuntrattur Central Asphalt Ltd flimkien mal-perit tagħhom. F'isem il-perit maħtur mill-Qorti attenda l-Perit Robert Sant. Minkejja li l-avukat tas-Sinjuri Gouder ikkonfermat li kienet ser tattendi permezz tal-imejl, hija u l-klijenti tagħha naqsu li jagħmlu dan.

17.3. Fil-laqgħa ġie spjegat il-*layout* tal-ispralli li jestendu minn Triq Antonio Falzon, Triq Toni Pace u Triq Ġuże' Flores. Ġie spjegat li minkejja żmien mogħti mill-Qorti, ix-xogħol ma jistax jibda mingħajr il-permess ta' Transport Malta li mill-inqas jieħu tliet ġimgħat biex jiġi pproċessat. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-perit tal-Qorti jagħmel rikors sabiex l-istess Qorti tkun infurmata b'din il-proċedura. Il-Perit R. Sant intalab jgħaddi *bill of quantities* sabiex tiġi stabbilita l-ispiża.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**